MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Numru. 446/1995

**<u>Il-Pulizija</u>**
**<u>(Spettur John Rizzo)</u>**
**<u>Spettur Mario Bonnici</u>**
**<u>vs</u>**
**<u>Emanuel Attard</u>**
**<u>Mario Camilleri</u>**

**Il-Qorti;**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati hemm msemmija u dan talli f'Birkirkara fil-25 ta' Lulju, 1995 ghall-habta tat-3:15pm bil-hsieb li jikkommettu serq ta' flus oggetti tad-deheb u affarijiet ohra ta' valur li jaccedi 'l fuq minn elf liri Maltin (LM1000) minn fond numru 202, Naxar road, B'kara, esekuzzjoni tad-delitt, billi ppruvaw jisgassaw l-bieb ta' l-imsemmi fond permezz ta' lieva, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

Talli fl-imsemmija data, hin u lok huma saqu van tal-ghamla Dodge minghajr ma kellu n-numru tar-registrazzjoni tan-naha ta' quddiem.

Talli fl-imssemmija data, hin u lok, Mario Camilleri saq van tal-ghamla Dodge numru U4626 minghajr ebda licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u ghalhekk ukoll minghajr ma kien kopert b'polza assikurazzjoni dwar it-terzi persuni. Il-Prosekuzzjoni titlob ghalhekk l-iskwalifika mil-licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' mhux inqas minn sena.

Ghaldaqstant nitolbu li dan il-kaz jigi nvestigat skont l-ligi.

Rat id-digriet a fol 51 et seq ibid.

Rat il-verbal a fol 53.

Rat id-digriet u dok a fol 95 u fol 99.

Rat in-<u>nota</u> tal-Avukat Generali (fol 119 tal-atti) li biha, billi deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat a bazi tal-istess kumpilazzjoni, li tista tinstab htija jew htijiet:

<u>Fil-konfront ta' Emanuel Attard</u>
a) Fl-Artikoli 41(l)(a), 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278(l)(2)(3), 279 tal-Kodici Kriminali;
b) Regola 31 tal-A.L. 128/94 il-Vetturi bil-Mutur;
c) Fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

<u>Fil-konfront ta' Mario Camilleri</u>
a) Fl-Artikolu 41(1)(a). 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278(l)(2)(3). 279 tal-Kodici Kriminali.
b) Regola 31 tal-A.L. 128/94 dwar il-Vetturi bil-Mutur;
c) Fl-Artikolu 15 tal-Kap. 65;
d) Fl-Artikolu 3(l)(2) tal-Kap. 104;
e) Fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Iddecieda li jibghat lill-istess imputati sabiex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali fin-nuqqas ta' opposizzjoni da parti tal-istess imputati ghal din il-procedura.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li m'ghandhomx tali opposizzjoni (fol 123).

Semghet lill-akkuzat Emanuel Attard minn jeddu kif ukoll in kontro ezami. Semghet lix-xhud Emanuel Magri riprodott u in kontro ezami.

Semghet it-trattazzjoni da parti tad-difensuri tal-akkuzat.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed l-Ispettur John Rizzo (fol 14 et seq ibid) li fil-25 ta' Lulju, 1995 ghal habta tat-3.15 p.m. certu Grazio Cassar kien ghamel rapport lil pulizija illi meta hu u martu kienu ghall-habta tat-3.15 p.m. qed javvicinaw ir-residenza taghhom msemmija fl-akkuzi huma kienu raw vettura (van) bin-numru U 4626 fuq il-bankina quddiem ir-residenza taghhom. Vicin l-istess 'van' fuq quddiem kien hemm persuna bil-wieqfa waqt li l-ohra kienet vicin il-bieb tar-residenza taghhom, din il-persuna tal-ahhar deskritta bhala 'baxxut' u mistohbi wara wahda mill-bibien tal-vann li kienet miftuha. Meta l-istess konjugi Cassar avvicinaw ir-residenza taghhom, l-imsemmija persuni infurmawhom li kien hemm sinjali ta' sgass fuq il-bieb tal-istess residenza. Meta l-istess konjugi dahlu fir-residenza taghhom, l-istess zewg persuni ' ….harbu b'dan il-vann bi speed eccessiv'.

Wara li sar ir-rapport, il-pulizija sabu li l-vettura inkwestjoni kienet tappartjeni lil certu Emanuel Magri minn Hal Qormi. Dan tal-ahhar allega li fil-jum u hin inkwestjoni, l-istess vettura kien halliha f'idejn l-akkuzati li gew arrestati u interrogati kif jidher mill-istqarrijiet a fol 18 sa fol 22 tal-istess atti, rilaxxati minnhom izda mhux iffirmati mill-istess akkuzati.

Wara kienet saret ukoll 'identification parade', prezenti l-konjugi Cassar u sebgha minn nies ukoll l-akkuzati. L-istess konjugi Cassar gharfu separatament liz-zewg akkuzati bhala dawk il-persuni hemm fuq indikati (ara fol 27 u fol 28 ibid).

Jigi rilevat illi l-Spettur Mario Bonnici (fol 29 u fol 30 ibid) irrileva illi fl-iostess residenza kien hemm it-tifla tal-istess konjugi Cassar u din kienet qaltlu illi '…… semghet hsejjes mal-bieb ta' barra' kif ukoll '….. ta' xi hadd qed jilghab mal-bieb ta' barra' u dan ftit tal-hin qabel ma rritornaw il-genituri taghha.

Illi Emanuel Magri (fol 32 u fol 142 ibid) li f'ismu hi registrata l-istess vettura numru U 4625 tal-marka 'Dodge', ikkonferma li fil-gurnata u hin msemmi, l-stess 'van' kien misluf lil akkuzati sabiex iggorru zewg tavluni u sellum. Wara pero hu biddel din il-verzjoni billi qal li l-akkuzati kienu 'hadu' l-istess 'van' u wara kienu qalulu li ghamlu dan ghall-iskop msemmi. Hu xehed l-istess 'van' dan kien gie ritornat fil-25 ta' Lulju ghall-habta tal-4.00p.m.

Illi dwar l-istess 'van' Joseph Spiteri (fol 36 ibid) f'isem id-Direttur tal-Licenzji informa lil Qorti illi Mario Camilleri, l-akkuzat li skond Emanuel Magri kien qed isuq meta gie ritornat il-'van', m'ghandux licenzja tas-sewqan.

**Ikkunsidrat**

Illi l-konjugi Cassar gew prodotti bhala xhieda. Minn naha taghha Helen Cassar (fol 37 et seq ibid) spjegat illi fil-jum inkwestjoni ghall-habta tat-3.15 p.m.kienet osservat l-istess 'van' quddiem ir-residenza taghhau ta' zewgha. Kien 'van' ta' kulur abjad u mimli sadid, kien wieqaf nofsu fuq il-bankina. In oltre wiehed mill-bibien ta' din il-vettura u cioe` dik tax-xellug ta' quddiem kien miftuh u tmiss mal-koxxa tal-bieb tal-istess residenza. Kien hemm ukoll persuna '….. daqsxejn samrani' bil-wieqfa vicin il-vettura. Ghalhekk zewgha pparkja l-vettura uzata minnhom u meta avvicinat aktar, rat persuna ohra '….. baxxa mal-art' u '…… diehel bil-mod gol-'van' taghhom'. Meta waslu wara l-bieb tar-residenza, hi qalet li zewgha sab certa

diffikulta sabiex jifthu u qalilha illi kien hemm sinjali ta’ daqqiet, liema daqqiet rathom u qalet li ma kienux hemm precedentement. In oltre wara li nfetah l-istess bieb, is-serratura giet f’idejha. In rigward iz-zewg persuni ossia rgiel msemmija, dawn saqu l’hemm mhux mill-ewwel izda wara li semghet diskorsi dwar xarba ta’ minerali u wara li wiehed minnhom mar jixtri din ix-xarba. Hawn hekk zewgha cempel lil pulizija wara li kien innota l-marka u n-numru tal-‘van’ innutat’. Dwar l-istess persuni, hi gharfithom bhala l-akkuzati prezenti fl-awla. Hi semmiet ukoll li f’idejn l-akkuzati ma kienx hemm xi oggett izda zewgha kien qalilha li kien ra xi haga f’id l-akkuzat li kien diehel lura fil-‘van’uzat minnhom u waqt li kien kokka mal-art.

<u>In kontro ezami</u> hi qalet illi r-roti tax-xellug tal-vettrua uzata mill-akkuzati kienu weqfin fuq il-bankina kif ukoll il-bieba miftuha u li kienet tmiss mal-koxxa tal-bieb tar-residenza kienet mibruxa fejn tmiss mal-koxxa u l-hajt tal-istess residenza safa mibrux ukoll. L-istess xhud ikkonfermat illi fid-dar kien hemm bintha Romina tal-eta` ta’ hdax –il sena. Ikkonfermat li saret l-imsemmija ‘identification parade’ bl-esitu ta’ kif gja spjegat fuq.

Fir-rigward zewgha <u>Grazio Cassar</u> (fol 44 et seq ibid), dan ikkonferma fis-sustanza dak li xehedet martu.

Dwar <u>Dwar Romina Cassar</u> bint il-konjugi Cassar din xehedet (fol 110 u 111 ibid) illi fil-fatt meta kienet wahedha fid-dar hi kienet semghet hsejjes ‘ ….. qisu ta’ xi hadd qed jipprova jisgassa l-bieb’ u dan ghall-habta tat-3.00pm/3.15pm. Dawn il-hsejjes waqfu meta waslu l-genituri taghha.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi kif jidher mill-atti, f’dan il-kaz kienet saret inkjesta mill-Magistrat Inkwerenti kif jidher mill-<u>proces-verbal’</u> a fol 80 sa fol 90 tal-atti. Din il-Qorti fil-fatt ikkonfermat l-istess esperti nominati waqt l-inkjesta u hawn hekk sar ir-riferenza ghar-rizultanzi kif ser jinghad:-

a) l-AIC Richard Aquilina (fol 67 et seq ibid) bhala espert tekniku u kkonstata waqt l-access illi l-bieb ta' barra tar-residenza involuta kellu tlett ghafsiet ta' ghodda deskritti ' …. mhux wiesgha' u l-bokka tas-serratura maqtugha u '….waslet biex iccedi' (ara wkoll ir-ritratt li juri s-sinjali u evidenza ta' sgass annessi mal-faxxikolu kontinenti l-istess ritratti mehudin mill-espert fotografu PC 1184 Patrick Grech u mmarkat bhala Dok PG, anness mal-atti).

b) PS 1374 Edgar Dalli esebixxa ir-relazzjoni tieghu bhala espert fl-elevazzjoni u komparazzjoni ta' impronti (ara l-anness Dok ED a fol 98 et seq ibid) u maghha fil-fatt hemm anness diversi impronti. Dwar dan waqt il-kumpilazzjoni gew nominati, kif jidher mill-annessi digrieti a fol 99, lil PS 673 Joseph Mallia u Joseph Bongailas sabiex jelevaw l-impronti tal-akkuzati u ssir il-komparazzjoni ma' dawk elevati mill-post u mill-vettura u jirrelataw dwar l-istess impronti. Dawk l-impronti elevati mill-vettura fil-fatt kif jidher mill-atti, l-akkuzati ma kkonfermawx illi kien qed isir minnhom uzu tal-istess 'van' u ghalhekk l-impronti elevati dejjem mill-istess 'van' jidhru li m'humiex rilevanti ghal dan il-kaz . Dwar dawk elevati mill-post, diversi minnhom kienu neqsin minn punti karrateristici waqt li r-rimanenti (95 BME 105) ir-rizultat kien fin-negattiv.

**Ikkunsidrat**

Illi in rigward l-akkuzati oltre li rrilaxxaw l-imsemmija stqarrijiet (fol 18, 20 u 21 et seq ibid), xehed ukoll 'viva voce' minn jeddu Emanuel Attard. L-akkuzat Attard stqarr, wara li rrakkonta x'kienu l-movimenti tieghu fil-jum inkwestjoni, sostna li meta waslu f'Birkirkara, hemm waqaf sabiex jixtri minerali u pastizzi. Pero jidher li hawwad fil-hinijiet u sussegwentement ghazel li ma jwegibx ghall-ebda domanda li saritlu.

In rigward l-akkuzat Camilleri fl-ewwel stqarrija kienu ukoll uza id-dritt tieghu li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu. L-istess ghamel fit-tieni stqarrija rilaxxata minnu.

F’dawn il-proceduri Emanuel Attard xehed ‘viva voce’ (fol 153 u fol 163 et seq ibid) u spjega illi kellu jarmi xi skart ta’ bini fil-Maghtab. Dan kien sar ghal habta tas-saghtejn (2.00 pm) it-tlieta (3.00 pm) ta’ wara nofsinhar. Wara hu mar f’Birkirkara f’Naxxar Road sabiex jixrob ilma jew minerali u dan vicin ‘ ….il-bank’ u telaq l-hemm.

**Ikkunsidrat**

Illi wara riassunt tal-provi li nstemghu u li gew kkunsidrati mill-Qorti, il-konkluzjoni ghandu jkun kif ser jinghad:-

a) l-istess akkuzati kif jidher mill-verbal a fol 53 ibid ammettew illi fid-dar u hin inkwestjoni huma kienu qed juzat il’van’ indikat u li kienu vicin ir-residenza tal-konjugi Cassar.
b) Il-konjugi Cassar xeehdu b’mod preciz dwar x’raw fl-istess hin ossija fit-tlieta u kwart (3.15 pm) ta’ wara nofsinhar meta nnuttaw l-istess ‘van’ uzat mill-akkuzati pparkeggat nofsu fuq il-bankina bil-bieba ta’ quddiem tax-xellug miftuha u tmiss mal-koxxa tar-residenza involuta. Fl-istess waqt wiehed mill-akkuzati kien jidher ‘baxxut’ wara l-istess bieba quddiem il-bieb ta’ din ir-residenza.
c) Waqt li dan kien qed jizvolgi ruhu, fl-istess residenza kien hemm bint l-istess konjugi Cassar li semghet hsejjes qishom ta’ xi hadd li qed jipprova jisgassa l-istess bieb.

Illi minn dak premess kontenenti f’ ‘circumstantial evidence’, fil-fehma tal-Qorti, l-istess provi huma sufficjenti sabiex minghajr ma jissussisti ebda dubbju dettat mir-raguni, l-akkuzati jinstabu hatja ta’ tentattiv ta’ serq kif kwalifikat fl-akkuzi in esami cioe` bil-mezz, bil-valur li, pero ma jeccediex l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u bil-lok.

Illi in oltre dwar l-akkuzi li kisru r-regolamenti tat-traffiku ma rrizultax b’mod car li Mario Camilleri kien fil-fatt qed isuq, hu, l-‘van’ involut jew lid an kien minghajr pjanca.

Illi ghalhekk a bazi tal-provi kif hawn fuq esposti u li fil-konvinzjoni morali ta’ din il-Qorti, ghandu iwasslu minghajr

ma jissussisti xi dubbju dettat mir-raguni, illi l-akkuzati ghandhom jinstabu hatja tal-akkuza ta' tentattiv ta' serq kkwalifikat bil-mezz u bil-valur izda mhux taht l-akkuzi li wettqu ksur tar-regolamenti tat-traffiku.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti filwaqt li ssib lill-akkuzati mhux hatja tal-akkuzi dwar ksur tar-regolamenti tat-traffiku u tilliberahom minnhom, issib lill-istess akkuzati hatja talli f'Birkirkara fil-25 ta' Lulju, 1995 ghall-habta tat-3:15pm bil-hsieb li jikkommettu serq ta' flus oggetti tad-deheb u affarijiet ohra ta' valur li jaccedi 'l fuq minn elf liri Maltin (LM1000) minn fond numru 202, Naxar road, B'kara, esekuzzjoni tad-delitt, billi ppruvaw jisgassaw l-bieb ta' l-imsemmi fond permezz ta' lieva, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok u dan skont l-artikoli 41(1)(a), 26 1(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278 (3),279(a) tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat il-piena wara l-fedina penali rispettiva tal-akkuzati minn fejn jirrizulta li qabel il-kaz in esami, l-ebda wiehed mill-akkuzati ma kien instab hati ta' xi delitt gravi anzi kienu nstabu hatja biss ta' reati kontravenzjonali jew minuri, il-Qorti qed tikkunsidrahom bhala sotanzjalment 'first offender' u ghalhekk tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tordna li l-akkuzati jigu liberati bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sena mil-lum. Tordna wkoll lill-akkuzati jhallsu fiz-zmien xahar lir-Registratur tal-Qrati, l-ispejjez kollha in konnessjoni man-nomina u l-konferma tal-esperti waqt dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------